MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1097/2000/1

**Claire Mifsud**

**vs**

**Gianluca Torres**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet kienu izzewgu bir-rit civili fil-15 ta' Novembru, 1996 fin-New Dolmen Hotel, Bugibba, skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn mehmuz u markat Dok. "A";

Illi dan iz-zwieg huwa null ghax:

Il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-

drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; u/jew

Il-kunsens tal-konvenut kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Il-konvenut, ghalkemm ma kienx interdett jew marid b'mohhu, ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi l-istess attrici talbet lill konvenut jghid il-ghala dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fil-15 ta' Novembru, 1996 ma jiswiex u huwa null ghar-ragunijiet migjuba fuq, jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet, skond l-artikoli 19(1) (d), (f) u (h) ta' l-Att dwar iz-Zwieg [Kap. 255].

Il-konvenut huwa minn issa mharrek biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 5 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-process minn fejn jirrizulta illi l-konvenut kien gie notifikat.

Rat illi l-konvenut minkejja li gie notifikat skond il-ligi baqa kontumaci.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Gunju, 2001 fejn il-Qorti innominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dr. Mariella Gonzi sabiex tigbor il-provi f'din il-kawza u fil-kawza numru 1097/00 [recte1096/00].

Rat il-verbal tad-19 ta’ Novembru, 2001 fejn inghad illi l-provi li qed jingabru qed jingabru ghaz-zewg kawzi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Gunju, 2002 fejn il-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. L-AZZJONI ATTRICI

Illi din il-kawza saret mill-attrici sabiex iz-zwieg taghha mal-konvenut li sar fil-15 ta’ Novembru, 1996 jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* w effetti kollha tal-ligi. L-attrici qeghda tghid illi l-bazi ta’ l-annullament ghandhom ikunu l-**paragrafi (d),(f), u (h) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi min-naha tieghu l-konvenut ma pprezenta ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa baqa kontumaci, pero’ apparti l-fatt li l-kontimacja ma tammontax ghall-ammissjoni, izda hija meqjusa mill-gurisprudenza nostrali bhala oppozizzjoni ghat-talbiet attrici, fil-kuntest ta’ annullament taz-zwieg, tali kontumacja tassumi sinifikat partikolari.

Illi infatti fis-sentenza **“Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Mejju 2002) inghad:-

*“Illi ghalhekk din il-Qorti xorta ghandha tidhol sabiex akkuratament tezamina l-provi sabiex tara u fl-ahharnett tiddeciedi jekk l-provi prodotti wasslux ghall-konvinciment morali fil-gudikant li jaccetta t-talba attrici ghan-nullita’ tal-istess zwieg”.*

*“Illi dan ghandu sinifikat iktar partikolari f’kazijiet ta’ din ix-xorta ghaliex anke fil-kaz ta’ ammissjoni tat-talbiet attrici*

*f'kaz ta' nullita' ta' zwieg fis-sentenza* ***"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia (A.C. 15 ta' Jannar, 2002 - Citaz. Nru: 165/95/VDG"*** *gie affermat il-principju "din il-Qorti ma kenitx tkun ezonerata milli tisma', u naturalment tezamina u tivvaluta, il-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (ara* ***"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"****, (Prim'Awla, 4 ta' Novembru 1994);* ***"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri",*** *(Prim' Awla, 3 ta' Ottubru 1995);* ***"Evelyn Agius vs John Borg"****, (Prim' Awla, 4 ta' Ottubru 1995);* ***"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"****, (Prim' Awla, 10 ta' Novembru 1995****);*** ***"Isabelle Zarb vs Stephen Attard"****, (Prim' Awla, 21 ta' Novembru 1995);* ***"Terrence Richard vs Maria Concetta Richard nee' Goodlip"****, (Prim' Awla, 22 ta' Frar 1996);* ***"Alfred Tonna vs Maria Tonna"****, (Prim' Awla, 31 ta' Jannar 1996);* ***"Bernardette Debono xebba Gauci vs Mario Debono"****, (Prim' Awla, 16 ta' Settembru 1996)".*

In vista ta' dan suespost din il-Qorti sejra tezamina l-paragrafi indikati mill-kontendenti u f'kaz li issib illi z-zwieg huwa null taht wiehed minn dawn il-paragrafi allura hija tieqaf hemm u tiddikjara z-zwieg null. L-ewwel paragrafu li sejjer jigi ezaminat huwa proprju l-**paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## B. Principji Legali.

### (i) Ezami ta' l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255

Illi din il-Qorti b'sentenza ta' l-1 ta' Ottubru, 2002 fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi**" (Cit. Nru. 50/2002) kienet dahlet *funditus* fl-ezami ta' dan l-artikolu tal-ligi. Hija kienet qalet illi:

"l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid:

*“(d) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg”.*

Illi fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Avukat Dr. Renzo Porella Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta’ **Viladrich**:

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring" **(Viladrich, P.J., “Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated.”** (Montreal, 1993), p. 686).*

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within*

*the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J.,** op.cit., pg. 687).*

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000) u **"Anna Galea vs John Walsh",** (P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love".*

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra *sive* Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – **Art. 19 (1) (d)** – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali **("Isabelle Zarb vs Stephen Attard"** – P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' nkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu **(d)** ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta'

immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku **("Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995 ).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' "*discretio judicii*" hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista **Colagiovanni** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita" (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).*

Illi pero`, kif gia inghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conoscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* ***(Pompedda, M.F., "Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski" – Pompedda – Zagglia, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"*** *(Padova, 1984), p. 46).*

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta'

Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (*ara, **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju **("Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt"**, P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19(1)(d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku / psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega **Bersini**, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)" **(Bersini, F., "Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).*

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita.*

*In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio"* (ibid. pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja gie indikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola* a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole" (***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233*).*

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibbilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibbilta` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-presenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e / o di volere". "L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale", jghid il-Bersini, "rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso"* (op. cit., *p. 99).*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **“Al Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbili.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f’diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **“Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri”** (P.A. (RCP) 17 ta’ Frar 2000); **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** (P.A. (RCP) 9 ta’ Marzu 2000); **“Ousama Sadalah vs Doris Tanti”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000); **“Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001); **“Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea”** (P.A. (RCP) 22 ta’ Marzu 2002); **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002); **“Marco Tanti vs Catherine Azzopardi”** (P.A. (RCP) 30 ta’ Mejju 2002); u **“Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Mejju 2002) fost ohrajn.

(ii) <u>Ezami ta’ l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255</u>

Illi l-**Artikolu 19 (1) (f)** jghid li z-zwieg ikun null:-

*“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg”.*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta’ Marzu 2000) **u “Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Frar 2001) u a skans ta’ ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **“Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et**

**noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hafez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit Nru 793/01/RCP).

**(C) <u>PROVI.</u>**

Illi **l-attrici** fid-dikjarazzjoni taghha tghid illi hija kienet ilha tohrog mal-konvenut ghal madwar tmien xhur qabel ma zzewgu. Tghid illi wara xi xahrejn li kienu ilhom mizzewgin huma sseperaw ghal xahar. Tghid ukoll illi matul is-sentejn li damu flimkien fiz-zwieg, huma kienu kontinwament jisseparaw ghal ftit gimghat u jergghu jaghmlu paci ghal ftit gimghat ohra. Tghid ukoll illi wara li izzewgu hija skopriet l-konvenut kien harab minn Sqallija ghaliex kellu problemi bid-drogi.

Illi waqt li kienu johorgu flimkien, il-konvenut kien idum Malta ghal tlett xhur u imbaghad kien ikollu jitlaq ghal gimgha minhabba l-permess. Il-konvenut talab lill-attrici sabiex tizzewgu sabiex jkun jista' jibda jahdem hawn Malta. Tghid illi xi ftit xhur qabel ma zzewgu hija skopriet li l-konvenut kien jiehu d-droga. L-attrici, fid-dikjarazzjoni taghha tghid illi wara z-zwieg, il-konvenut kien ammetta

maghha illi dak in-nhar taz-zwieg, huwa kien ha d-droga ghaliex kien gie habib tieghu igibielu fis-sala tat-tieg. Anke ghar-rigward tax-xoghol, l-attrici tghid illi l-konvenut qatt ma hadem, u li minflok ma jmur iffittex ix-xoghol huwa kien jigri barra idur mal-hbieb.

Illi anke dwar l-imgieba tal-konvenut fil-konfront ta' l-istess attrici, hija tghid illi huwa kien isawwatha u jsakkarha gewwa. Issemmi incident fejn waqt li hija flimkien mal-konvenut kienu Sqallija ghand il-familjari ta' l-istess konvenut, kienet marret mara ghand omm l-attrici u qaltilha li hija kienet raqdet mal-konvenut wara t-tieg u li kien talabha l-flus. L-attrici tghid illi waqt il-hin tal-kunsens, il-konvenut ma kienx f'sikktu. Meta hija staqsietu x'kellu, huwa qalilha li kien xorob.  Pero wara hija skopriet li kien ha d-droga ghaliex kienet qaltilha hekk l-gharusa ta' dak li kien taghjielu u cioe` certa Marica Sciberras. Dak in-nhar taz-zwieg il-kontendenti kellhom dsatax (19)-il sena.

Illi dwar il-permess, l-attrici tghid illi l-konvenuta akkwistah wara li kien izzewwigha. Huwa qatt ma kien hadem, pero` gieli ghamel xi zmien johrog fil-ghodu u jghid lill-attrici li kien sejjer ghax-xoghol. Gieli ukoll gab xi flus id-dar pero` l-attrici qatt ma rat *payslips*.

Illi r-relazzjoni tal-kontendenti bdiet sejra ghal aghar aktar ma jghaddi z-zmien. Il-konvenut kien kemm-il darba jakkuzza lill-attrici b'adulterju, haga li l-istess attrici tinnegga bil-qawwa kollha. Mill-banda l-ohra, min dak li kienu jghidulha n-nies, il-konvenut kellu hafna relazzjonijiet ma tfajliet ohra. Tghid ukoll illi l-flus tal-paga taghha kienu jintefqu fil-kera tal-fond li kienu jikru u sabiex jithallas certu dejn li kien qed ihalli l-konvenut. Wara dawn il-hlasijiet, hija ma kienx jibqala flus. Mill-banda l-ohra, l-konvenut kien ikollu flus pero` huwa qatt ma ta xejn lill-attrici.

Illi l-attrici tghid illi gieli l-konvenut kien jiehu d-droga quddiemha "*biex inhossni guilty*". Dwar swat l-attrici tghid illi jekk hija ma kienitx taghti flus lill-konvenut sabiex jkun

jista' jixtri d-droga, huwa kien isawwatha. L-attrici tghid illi *"gieli lanqas kont immur ghax-xoghol ghax kien ikolli l-black eyes u kont nisthi quddiem shabi u mmur quddiem in-nies".* Kemm-il darba, tghid l-attrici, wara li kien ikollhom xi jghidu, hija kienet titlaq ghand ommha. Hija kienet iddum xi xahar jew xahrejn ghand ommha. F'dan il-perjodu, l-konvenut kien ikollu mara ohra tghix mieghu fl-appartament li l-attrici u l-konvenut kienu jikru. Meta kienet tirritorna lura fl-appartament taghhom, hija kienet issib affarijiet tan-nisa l-ohra li kien ikollu r-ragel taghha, ossia l-konvenut.

Illi meta mbaghad bdiet tahdem gewwa l-Oracle Casino, l-attrici kienet tibqa' tahdem sa l-4.00a.m. Hija kienet tasal lura d-dar ghal habta ta' l-4.30a.m. izda lil konvenut ma kienitx issibu hemm. Huwa kien jirritorna ghall-habta tat-8.00a.m. Huwa kien jidhol dawn il-hinijiet minhabba l-fatt li huwa kien johrog u jibqa' barra sa dawn il-hinijiet. Darba fost l-ohrajn kien inqala incident gewwa l-Oracle Casino. Kien proprju dan l-incident il-bidu tat-tmiem taz-zwieg. Fil-fatt l-attrici ma marritx lura d-dar ghaliex bezghet ghal hajjitha. Hija xi zmien wara qabdet u marret tiehu l-affarijiet taghha kollha mill-flat li kienet tikri. Hija marret hemm ma missierha minhabba li kienet qeghda tibza' li tiltaqa mieghu. Fil-fatt meta marret fl-appartament taghhom, hija ma sabitux hemmhekk, u fil-fatt kien jidher illi l-konvenut kien telaq minn dan l-appartament.

Illi l-attrici qalet illi fil-bidu taz-zwieg, il-konvenut kien jitkellem fuq iz-zwieg maghha, li xtaq ikollu familja bhal haddiehor u li xtaq jibda jahdem sabiex jkun jista' jrabbi din il-familja. Tkompli tghid l-attrici illi fir-rejalta huwa qatt ma ried dan kollu. Il-konvenut kien sahansitra jghidilha illi meta kien ikun qieghed jahdem, kienu jigu xi nies biex jivverifikaw jekk kellux permess u hu kien jahrab jigri sabiex ma jaqbduhx. Minhabba dawn l-affarijiet kollha l-attrici tghid illi hija hadet id-decizjoni li tizzewgu u specjalment minhabba l-kwistjoni tax-xoghol sabiex huwa ma jkollux problemi bil-permess.

Illi xehdet ukoll **omm l-attrici** li qalet illi hija mal-ewwel kienet bdiet toggezzjona li bintha tohrog mal-konvenut. Din ix-xhud kienet qalet lil bintha l-attrici *"Dan mhux qieghed joghgobni ghar-raguni li dan qieghed jipprova jidhol hawn Malta biex jiehu c-cittadinanza, binti. Ghidtilha jidher li m'hemmx dik l-imhabba, qieghed jghaggel hafna fl-affarijiet*". Hija tghid illi l-konvenut kemm-il darba kien ikollu xi jghid ma bintha. Gieli anke ratu jerfa' jdejh fuqha. Issemmi okkazzjoni minnhom fejn tghid illi *"darba minnhom, kont qeghda narahom, kienu qeghdin fil-kamra tieghi, ghax kont qeghda hemmhekk bil-qeghda, u qed narahom qed jaghtu flimkien u qabadilha rasha u jhabbatielha ma' l-art. Qabadha minn rasha u waddabha ma' l-art*". Darba fost l-ohrajn, waqt li l-kontendenti fil-kawza kienu msifrien ghand il-genituri tal-konvenut, cemplet wahda mara ghand din ix-xhud u staqsietha jekk il-konvenut kienx qieghed prezenti. Omm l-attrici irrispondietha li ma kienx qieghed hemm u li dan kien ir-ragel tat-tifla taghha. Din il-mara li cemplet bhal donnha baqghet skantata u di fatti qalet "*X'inhu, dak ir-ragel tieghi". Ghidtilha "X'inhi, ruhi. Dak mizzewweg, ghadu kemm izzewweg lil binti'. U hi qaltli 'Dak johrog mieghi. Lanqas irrid noqghod ninkwetaha lil ommi ghax qalli li se jizzewwigni".* Mistoqsija kif kienet tara lill-konvenut, omm l-attrici wiegbet illi hija minn dejjem tiftakru mhux normali fis-sens illi kien jaghmel affarijiet li nies normali ma jaghmluhomx. Hija tghid illi mill-bidu nett tiftakru jaghmel dawn il-mossi.

Illi xehdet ukoll **Janice Camilleri**, prodotta mill-attrici. Hija tghid illi ltaqghet ma' l-attrici waqt li huma t-tnejn kienu jahdmu l-Oracle Casino, gewwa l-Qawra. Hija tghid illi l-attrici mal-ewwel fethet qalbha maghha bil-problemi li hija kellha mal-konvenut. F'okkazzjoni minnhom, waqt li din ix-xhud u l-attrici kienu fuq il-post tax-xoghol, dahal hdejhom fil-kcina l-konvenut. Inzertat illi l-attrici ma kenitx qeghda hemm, u l-konvenut staqsa ghaliha. Din ix-xhud wegbitu illi l-attrici kienet fil-*bathroom*. Il-konvenut mar isib lill-attrici. Wara xi hin, din ix-xhud rat lill-konvenut hiereg mill-Casino u hija marret tara x'kien gara mill-attrici. Din ix-xhud tiddeskrivi dan il-mument hekk:

*"...jiena mort fil-bathroom biex nara jekk hijiex alright. U meta jiena kont diehla fil-kuridur lejn il-bathroom, hi kienet hierga. Dak il-hin ma kienitx taf li qeghda f'sensiha, zgur mhux forsi, kellha wicca abjad karti, kien jidher li ghandha xokk fuqha, plus hamest iswaba fuq il-warda ta' wiccha. Jiena ghidtilha "Claire, are you alright?" U hi ma rrisponditniex, litteralment ma kienitx taf fejn hi sejra. Qbadtilha idejha u hadtha lura fil-bathroom u bdejt nistaqsiha "Claire x'gara? Claire x'gara?". Imbaghad bdejt inxarbilha wiccha u sadanitant kellha d-demm hiereg minn hawn gew, minn go halqa hiereg il-barra, mill-warda ta' wiccha imma minn gewwa. U jiena ghidtilha "Claire, jaqaw rega'?" U hu qaltli "Iva". U bdiet tibki hafna, u xarrabtilha wiccha u poggejtha bil-qeghda.* Tghid ukoll din ix-xhud illi l-konvenut dejjem kien igerger fuq l-attrici, jghid illi huwa m'huwiex kuntent maghha u li hi ma kienet kapaci ghal xejn. Anke l-agir tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici ma kienx wiehed normali. Kien jmur fuq il-post tax-xoghol taghha, kien idejjaqha u l-istess attrici kien ikollha tohrog bis-*security* mill-Casino sabiex ma jinqalax inkwiet.

## (D) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI</u>

Illi l-attrici xehdet, u dan anke kif korraborat mix-xhieda moghtija minn ommha stess, illi l-konvenut, sa mill-bidu nett taz-zwieg taghhom, kellu relazzjonijiet ma' diversi nisa ohra.

Illi certament li mill-provi kollha prodotti mill-attrici, ikkorroborat b'dan l-atteggjament tal-konvenut, almenu skond ma qalu x-xhieda prodotti mill-istess attrici, li l-konvenut kellu l-kunsens tieghu vizzjat b'difett serju ta' diskrizzjoni fuq il-hajja mizzewga u d-drittijiet u dmirijiet naxxenti mill-istess, u l-kunsens tieghu kien ukoll difettuz *stante* li eskluda pozittivament elementi essenzjali mill-istess zwieg sa mill-bidu tieghu, ghaliex qatt ma kellu l-intenzjoni li jkun lejali lejn martu, u fil-fatt jista' jinghad li tul il-hajja mizzewga kollha huwa rari kien hekk u dan skond ma jirrizulta lil din il-Qorti mill-provi prodotti.

Lanqas qatt ma kienet mid-dehra l-intenzjoni tal-konvenut li jkollu familja normali, u fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta proprju l-kuntrarju. Kien bniedem li jiehu d-drogi, kien bniedem li jsawwat il-mara tieghu (l-attrici odjerna), kien bniedem li jisraq, kien bniedem illi ghamel minn kollox sabiex hajjet martu tkun infern. Dawn l-affarijiet hawn appena msemmija zgur li jindikaw minghajr l-ebda ombra ta' dubbju illi l-konvenut kellu l-kunsens tieghu vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga. Li kieku ma kienx hekk, kieku ma kienx jaghmel dawn l-affarijiet li rrizultaw mix-xhieda w irrizultaw lil din il-Qorti.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-istess zwieg ghandu jigi dikjarat null abbazi wkoll tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.**

Illi stante li qieghed jirrizulta illi z-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti qieghed jigi dikkjarat null a bazi ta' zewg paragrafi ta' l-**artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tidhol u tezamina t-tielet paragrafu indikat mill-attrici ta' dan il-Kapitolu u cioe` l-**paragrafu (h) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19**.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fil-15 ta’ Novembru, 1996 null u bla effett u dan abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta’ Dicembru, 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**12 ta’ Dicembru, 2002**